MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1512/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Zammit**

**vs**

**Emanuel Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Lulju 2004 fejn is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ erba mija u tmintax-il lira erbgha u sebghin centezmu (Lm418.74) rapprezentanti danni sofferti fil-vettura tal-assikurat taghha f’incident stradali li sehh gewwa c-Cirkewwa nhar id-9 t’Awissu 2003 bejn il-vettura numru BCY 931 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BAH 317 proprjeta tal-assikurat tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi hmistax-il lira Maltin (Lm15) tal-parir u tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ April 2004 u kif ukoll ittra

ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali dekorribbli minn notifika tal-precitata ittra ufficjali datata 26 ta' April 2004 (cioe` 3 ta' Mejju 2004) kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 6 ta' Settembru 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni.

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-vettura tal-assikurat tas-socjeta` attrici kienet qed tinstaq minn mart l-assikurat Dolores Zammit. Din qalet li kienet ghadha kemm nizlet mill-vapur t'Ghawdex u meta mxiet ftit 'l hinn mir-rampa lemhet xarabank fuq il-lemin taghha li kien ipposizzjonat perpendicular mal-vettura taghha li donnu ried jidhol fil-flow of traffic. Hi ghalhekk cedietlu biex jidhol quddiemha. Hu hekk ghamel, hareg u gie bid-dritt mat-traffiku quddiemu u b'Zammit warajh. Hin minnhom hi lemhitu gej lura fuqha u spicca strah fuq il-vettura taghha. Daqqet il-horn pero tax-xarabank donnu ma ndunax peress illi meta mexa t-traffiku, huwa kompla jsuq. Meta harget tara x'kien gralha rat li kellha n-number plate biss ftit mghawweg u kwindi ma tatx kaz peress li x'aktarx kien gia mghawweg minn qabel. Meta marret id-dar pero sabet li fuq il-bonnet tal-vettura taghha kien hemm ghafsa bil-kulur blu u safejn tiftakar hi il-coach kienet tal-kulur blue u orange. Ghalhekk marret l-ghassa fl-imkien ma' zewgha biex jaghmlu r-rapport. A tempo vergine meta tnizzel ir-rapport Dolores Zammit tghid kategorikament li l-coach irriversja ghal fuqha. Madankollu fil-kontro-ezami taghha, ghalkemm terga' tirrepeti din il-verzjoni taghha ma kienitx certa pero jekk ix-xarabank fil-fatt ghamilx manuvra ta' reverse o meno.

PS 1096 Edmund Cuschieri kkonferma li kien ra d-daqqa b'xi zebgha blu fuq il-vettura ta' Zammit. Din il-hsara giet ukoll rapportata fid-dokument a fol 19 et seq tal-process.

F’dan ir-rapport il-konvenut jinsisti li huwa ma rriversja fuq hadd u sa fejn jaf hu ma kien hemm ebda impatt. Li kieku x-xarabank rehietlu ftit lura qabel ma jaqla, Zammit ma messietx kienet daqshekk vicina warajh. Ighid ukoll li l-kulur tal-coach dak in-nhar kien orange u l-bumper blue. L-ghafsa fuq il-bonnet ta’ Zammit raha pero ma kienitx kulurita blue.  Din il-verzjoni tieghu kkonfermha bil-gurament seduta stante. Il-konvenut ressaq ukoll bhala xhud tieghu lil certu Michael Galea li dakinhar hadem bhala gwida fuq il-coach in kwistjoni liema xhud jikkonferma ghal darba tnejn li l-konvenut ma kien involut f’ebda incident stradali u li l-kummenti ta’ dik il-gurnata xoghol mat-turisti kif seta’ jikkonstata l-istess Tribunal minn notamenti tieghu kienu aktar minn soddisfacenti. Ighid ukoll pero li l-coach in kwistjoni kienet tat-tip li minn wara jinzel catt ghalkemm ma kienx cert jekk jinzilx sa l-art. Il-konvenut jispjega li l-coach ghandha wara jinzel dritt u li l-bumper il-blue fuq wara huwa gholi xi pied mill-art. Certament pero li l-bonnet tal-vettura ta’ Zammit hija f’livell aktar gholi mill-bumper tax-xarabank.

Illi jigi notat mit-Tribunal li s-survey a fol 24 tal-process u certi rcevuti u kontijiet jaghmlu referenza ghal hsarat fuq il-vettura li ma gew rappurtati mkien mis-sewwieqa Zammit bhal per ezempju il-LH Headlamps u r-radiator. Anke r-rapport tal-pulizija jitkellem biss fuq “Front bonnet and scratches of blue paint on the front bonnet”. Sid ix-xarabank li ra l-vettura ta’ Zammit ukoll xehed li kull ma ra kienet ghafsa zghira tad-daqs ta’ one cent fuq il-bonnet u xejn aktar.

Illi mill-assjem tal-provi kif hawn fuq riprodotti t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta` attrici naqset li ggib provi soddisfacenti dwar (1) ir-responsabbilita tal-konvenut ghall-allegat incident in kwistjoni u cioe` li dan l-allegat incident sehh minhabba tortijiet imputabbli ghalih u (2) li l-hsarat riportati lill-vettura ta’ Zammit kienu fil-fatt kagunati per konsegwenza tal-istess allegat incident.

Apparti l-verzjonijiet kontrastanti tas-sewwieqa, t-Tribunal ma jistax jifhem kif bl-ghamla taz-zewg vetturi nvoluti seta’ kien hemm ghafsa fuq il-bonnet ta’ Zammit kagunata mill-

bumper tax-xarabank. Ma jistax jifhem anqas kif a tempo vergine hadd ma ra u hadd ma jsemmi l-hsara fuq ix-xibka u l-headlamp u in segwitu nigu affaccjati b'ircevuti dwarhom.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li s-socjeta` attrici ma rnexxiliex tipprova b'mod soddisfacenti li l-allegat incidenti in kwistjoni u l-konsegwenzjali hsarat gew kagunati minhabba tortijiet imputabbli ghal konvenut, kwindi tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------